MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 240/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti**

**PREAMBOLU**
Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 2004 gewwa l-Parocca tan-Nativita' tal-Vergni Mqaddsa, Naxxar, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li

taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta, u

4. Illi oltre dan l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lil din l-Qorti sabiex:
1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti cccelebrat fil-5 ta' Gunju 2004 null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumeti ezebiti;

Rat ir-risposta guramentata[1] ta' C D:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-talba rikorrenti illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null ai termini ta' l-aRtikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg kontendenti.

2. Illi l-eccipjenti umilment jissottometti illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti.

3. Salv eccezonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda pprezentata mill-intimat;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici[2];

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**
Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-attrici kellha sbatax (17) il-sena u l-intimat kellu dsatax (19) meta iltaqghu u bdew relazzjoni li damet sitt (6) snin. Waqt l-gherusija, fix-xitwa, kienu jiltaqghu xi tlett darbiet fil-gimgha, il-bicca l-kbira ghand il-genituri tal-intimat filwaqt li fis-sajf kienu johorgu. Skond l-attrici, iddecidew li jizzewwgu wara r-raba sena u dan ghax *'il-*

[1] a folio 11
[2] a folio 34

*pass li jmiss kien wiehed awtomatiku.'* Sena wara xtraw propjeta' li kellha isservi fil-futur bhala d-dar matrimonjali. – '*Meta xtrajna din il-propjeta' kienet qisa konsegwenza naturali tal-fatt li konna ilna flimkien hames snin.'*[3] U bdew jippreparaw ghat-tieg.

Il-partijiet jaqblu li ma tantx kien ikun hemm komunikazzjoni bejniethom qabel iz-zwieg - '*kommunikazzjoni vera u propja qatt ma kellna'*, b'rizultat li l-attrici tikkumenta li *'konna qisna hbieb mhux koppja li tinhabb li qed tlesti ghaz-zwieg mimlija entuzjazmu.'* Jaqblu li tul l-gherusija *'qatt ma tkellimna fuq il-futur taghna'*[4] jew *'dwar il-pjan taz-zwieg'.*[5]

Meta kienu jiltaqghu l-bicca l-kbira ghand il-genituri tal-intimat kien ikun filghaxija. L-attrici tiddeskrivi lilha innifisha bhala misthija, pacenzjuza, kalma, ambizjuza, bniedma li tevita l-konflitt u izzomm kollox go fiha, waqt li l-intimat jiddeskrivi lilu nnifsu bhala *'ragel kwiet, mhux ta' hafna kliem, nevita l-glied u l-argumenti.'* Ma dan l-attrici izied: *'Ma kienx ikellimni jekk ma nkellmux jien.'* u kienet tqisu ukoll bhala bniedem, possessiv, jghir u mill-ewwel jiehu ghalih. *'Pero jien immaginajt u hsibt illi biz-zmien nidraw lil xulxin aktar, u l-attegjament tieghu jinbidel.'*

Izzewgu fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004). Damu sitt snin mizzewwgin u minn dan iz-zwieg kellhom tifla.

Wara iz-zwieg, il-hajja ma tantx tbiddlet - kienu jahdmu it-tnejn. L-intimat jghid li '*Waqt iz-zwieg, jien u A ma tantx tista' tghid li konna koppja li kellna hafna hin ghal xulxin.........Ghalkemm konna nghixu flimkien taht l-istess saqaf, konna qisna zewg persuni separati ghaliex il-komunikazzjoni bejnietna kienet fqira hafna. Il-ftit komunikazzjoni li kien hemm bejnietna kienet tkun dawk il-hames minuti waqt l-ikel filghaxija.'*

L-attrici tiffoka l-aktar fuq il-karatttru ta' l-intimat; tattribwixxi it-tifrik taz-zwieg, apparti minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni, minhabba l-karattru tal-intimat li ghalija kien egoist, ta' dixxiplina, bossy, baqa bil-mentalita' ta' single, ma jippartecipax fil-hajja matrimonjali u ta' binthom. Pero skond l-intimat il-problemi inqalghu kemm minhabba l-involviment ta' missier u anke ta' hu l-attrici - *'Tant kemm missierha kien possessiv fuq bintu....'* Jghid li kien haseb *'li l-pressjoni u ndhil ta' missierha bejnietna kien ser jieqaf, izda kont zbaljat.'* Isemmi ukoll il-fatt li hu kien ihobb l-organizzazzjoni filwaqt li l-attrici kienet l-oppost u dan kien jaqla' disgwid - '*Din il-haga kienet iddejjaqni hafna u ghalkemm ippruvajt nifthilha ghajnejha, dan kien kollu ghal xejn, ghaliex hi kellha l-karattru taghha u kemm xejn u kemm xejn difficli biex bniedem ibiddel il-karattru tieghu.'*

Ftit ftit il-partijiet bdew jitbedu minn xulxin - '*Ghalkemm konna nghixu flimkien taht l-istess saqaf, konna qisna zewg persuni separati.........din id-differenza holqot kunflitt bejnietna*

[3] a folio 42 - affidavit tal-intimat
[4] affidavit tal-attrici a folio 16
[5] affidavit tal-intimat a folio 42

*ghaliex it-tnejn li ahna ridna hajja differenti u fil-fatt t-tnejn li ahna konna qeghdin nghixu hajja indipendenti minn xulxin ghalkem konna mizzewgin.'*

L-attrici tghid li lejn l-ahhar taz-zwieg skopriet li kienet dahlet mara ohra bejniethom kien hawn li z-zwieg tfarrak ghall-kollox. L-intimat jghid li '*sfortunatament, maz-zmien jien u A bdejna nibirdu minn xulxin - konna wasalna f'sitwazzjoni fejn konna nitkellmu kwazi ta' bilfors.......kien evitabbli li z-zwieg taghna jispicca - ma kienx kwistjoni ta' jekk iz-zwieg taghna jispicca, izda iktar meta jispicca.'*

Minn banda l-ohra l-attrici tistqarr li *'kieku kont naf illi l-hajja mieghu kienet ser tkun daqshekk u daqstant infelici, zgur illi ma kontx nidhol ghaz-zwieg. Minkejja li kont naf li kien difficli hafna, qatt ma bsart illi l-hajja flimkien kienet ser tkun daqshekk hazina*.'

**Ix-xhieda ta' omm l-attrici,** tikkorabora x-xhieda ta' bintha l-attrici u zied: '*Mill-ewwel hadt l-impressjoni illi huwa kien bniedem stramb u maghluq fih innifsu. Bilkemm kien jitkellem.......Nghid li anke wara tnax-il sena li kont nafu baqa' l-istess, daqslikieku kien ghadu l-ewwel darba.'* Gieli raqdet ghandhom u kienet tosserva li *'Ma kontx narahom qishom koppja maghquda, u ma kienx juriha sinjali ta'affett. Ma nhossx illi C kien tajjeb ghaz-zwieg.'*

Dwar it-tifriek taz-zwieg tghid: '*A izzewget minghajr ma taf verament ghalxiex kienet diehla, ghaliex ma kenitx taf verament xi jsarraf zewgha.'*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null ghaliex skont l-attrici il-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tippremetti li kien vizzjat ukoll ghaliex inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga u ghax dan l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (c) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut jaqbel mat-talba tal-attrici li l-kunsens tal-partijiet kien hekk vizzjat u ghaldaqstant iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255** jipprovdi:

(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:
(c)jekk il- inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;
(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazjonijiet essenzjali taz-zwieg;
(f) jekk il-kunsens ta" xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed hew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-subinciz (f) jinghad is-segwenti:
Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart FRancis Attard vs Francis Attard" (**P.A. 15 ta' Marzu 2000**)** inghad:

*“Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix ma dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezemju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'dan l-animu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggix.

Fir-rigward l-**Artikoli 19(1) (c)** u, cioe` li l-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, fuq dan l-allegat qerq mill-provi ma jirrizulta xejn. Il-partijiet damu flimkien sitt snin u kien konxji li kienet tezisti differenza fil-karattru rispettiv taghhom; tant hu hekk li t-tnejn kemm huma jghidu li

izzewwgu bl-isperanza li jkun hemm tibdil; ma jirrizultax li xi parti hbiet xi aspetti importanti tal-karattru taghha jew tieghu, aspetti li kienu jimpedu mill- qadi tad-doveri taghha ta' koppja mizzewga.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (c) fuq citat ma treggix.

Fir-rigward tal-**Artikolu 19 (1) (d)** jinghad is-segwenti:
Biex l-azzjoni tirnexxi abbazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni ta’ gudizzju hija spjegata bhala taghrif u apprezzament ta' oggett dwar xhiex il-mohh jirrifletti fuq dak li jaghmel u fuq dak li jiddelibera. Il-persuna trid tkun kapaci tevalwa xi jfisser zwieg. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma bizzejjed ghal kunsens validu li wiehed jaghraf l-affarijiet bazici li jimporta zwieg sew f’dawk li huma drittijiet kif ukoll f’dawk li huma doveri.

Dan it-taghrif irid ikun valutat - il-persuna jrid ikollha livell ta' helsien psikologiku li huwa necessarju u sufficenti biex jassigura il-poter baziku tal-ghazla. Jekk jirrizulta illi persuna kienet inkapaci li tqis in-natura taz-zwieg jew id-drittijiet u l-obbligi naxxenti mill-istess, allura jkun avvera nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Sabiex il-kunsens ghaz-zwieg ikun validu huwa bizzejjed illi l-persuna jkollha l-fakultajiet kritici bazici u l-liberta' interna biex taghzel jekk tizzewwigx jew le.

Kif gie deciz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.* ***Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju****. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the*

*following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.";*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla: fil-31 ta' Jannar 1996) dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell - **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit -** 27 ta' Jannar, 2006 inghad:
"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe` li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe` li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg ma kienx afflitt b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, peress li fil-mument tal-kunsens, ma kienu jezistu l-ebda fatturi psikologici li setghu jostakolaw l-ghazla libera tal-partijiet u li setghu jirrendihom inkapaci jaghtu kunsens validu.

Fl-gherusija, li damet sitt snin, il-partijiet kienu konsapevoli li l-karattri ta' xulxin kienu differenti u din id-differenza influenzat il-kommunikazzjoni ta' bejniethom. Din id-differenza giet accettata miz-zewg partijiet u decizjoni ittiehdet fl-isfond ta' din id-differenza.

Il-Qorti hi tal-fehma li meta l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom kienu jafu x'inhi i-natura taz-zwieg, kienu jafu xi jfisser zwieg u kellhom il-liberta interna, maturita u l-abilita' sabiex jiehdu decizjoni li hadu.

Ghaldaqstant ma jikkonfigurax fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------